# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 728/01mm**

**Auto Sales Ltd**

**vs**

**Charles sive Carmel Mizzi**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1720.00) rappresentanti l-ammont dovut skond kambjaliet iffirmati u skaduti Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu, 2001, u Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax legali sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.